

32003R2059

25.11.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 308/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 2059/2003**tas-17 ta' Novembru 2003****li jemenda r-Regolament Nru 79/65/KEE li jistabbilixxi sistema komplissa għall-ġbir ta' data ta' accountancy dwar l-introjt u l-operazzjoni ta' negozju (kummerċjali) azjendi agrikoli fil-Komunità Ekonomika Ewropea**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi il-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 37(2) tiegħu,

Artikolu 1

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Ir-Regolament Nru 79/65/KEE huwa hawn emendat kif ġej:

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

1. fil-Kapitolu I, jiżdied l-Artikolu li ġej:

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽²⁾,

"L-Artikolu 2a

Wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni,

Fuq talba ta' Stat Membru l-lista ta' diviżjonijiet għandha tkun emendata skond il-proċedura preskitta fl-Artikolu 19, sakemm it-talba tikkonċerna d-diviżjonijiet ta' l-Istat Membru.”;

Billi:

2. L-Artikolu 22(1) għandu jkun issostitwit b'li ġej:

(1) Is-sistema komplissa ta' data stabbilita mir-Regolament tal-Kunsill Nru 79/65/KEE ⁽³⁾ tipprovdi lill-Kummissjoni b'informazzjoni oġġettiva u rilevanti dwar il-politika agrikola komuni.

“1. Approprijazzjonijiet li għandhom ikunu inklużi fl-estimi ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea, fit-taqsimi tal-Kummissjoni, għandhom ikopru:

(2) Għal raġunijiet manijerjali, il-Kummissjoni għandha tkun awtorizzata biex temenda l-lista ta' diviżjonijiet ta' Stati Membri miġbura fl-Anness għar-Regolament Nru 79/65/KEE, wara talba minn Stat Membru.

(a) daww l-ispejjeż tas-sistema komplissa tad-data li jkunu attribwiti għall-pagament ta' ħlasijiet lill-uffiċċji ta' accountancy għat-twettiq minnhom ta' dmirijiet li jirreferi għalihom l-Artikoli 9 u 14;

(3) Is-sistema komplissa ta' data hija għodda utli li tagħmilha possibbli għall-Komunità li tiżviluppa din il-politika u isservi, bħala konsegwenza, l-Istati Membri kif ukoll lill-Komunità. L-ispejjeż tas-sistemi komputerrizzati li fuqhom toqgħod is-sistema komplissa u ta' studji u attivitajiet ta' żvilupp ta' aspetti oħra tas-sistema komplissa, għandhom ikunu eliġibbli għal finanzjament Komunitarju.

(b) l-ispejjeż kollha tas-sistemi komputerrizzati operati mill-Kummissjoni għar-riċeviment, verifika, ipproċessar u analiżi ta' data ta' accountancy fornita mill-Istati Membri.

(4) Ir-Regolament Nru 79/65/KEE għandu għalhekk ikun emendat f'dan is-sens,

L-ispejjeż li hemm referenza għalihom fil-punt (b) jinkludu, fejn xieraq, l-ispejjeż għat-tixrid tar-riżultati ta' daww l-operazzjonijiet u l-ispejjeż ta' studji fi, u żviluppi ta', aspetti oħra tas-sistema komplissa tad-data tan-network.”

Artikolu 2

⁽¹⁾ Opinjoni tad-9 ta' Ottubru 2003 (għandha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽²⁾ Opinjoni tad-29 ta' Ottubru 2003 (għandha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽³⁾ ĠU C 109, tat-23.6.1965, p. 1859/65. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1256/97 (ĠU L 174, tat-2.7.1997, p. 7).

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-17 ta' Novembru 2003.

Fisem il-Kunsill

G. ALEMANNO

Il-President
